*Irkejjen storiċi*

# It-tempji pre-istoriċi Ta' Ħaġrat Mġarr

***minn Vincent Zammit***




*Pjanta tat-tempju Ta' Ħaġrat*

Il-gżejjer Maltin jistgħu jiftaħru b'ħafna monumenti li ħallew id-diversi potenzi u kulturi differenti li matul iż-żmien għoġobhom jieqfu fil-gżejjer tagħna. Kien hemm min ħalla fdalijiet jew influwenzi iżda hu żgur li fost l-aktar monumenti li jispikkaw huma dawk preistoriċi. Mingħajr ma trid, ikollok tgħid ukoll li meta qegħdin nitkellmu dwar dawn il-postijiet, il-Maltin għandhom it-tendenza li jsemmu biss l-aktar ismijiet u postijiet li huma popolari u l-kumplament ma tantx nagħtu kashom. Mhux ta' b'xejn li mbagħad aħna stess nispiċċaw nirreferu għal dawn il-postijiet bħala borġ ġebel.

### Mġarr

Fl-inħawi ta' l-Imġarr f'Malta niltaqgħu ma' numru ta' monumenti pre-istoriċi li wieħed jista' jgħidilhom li huma ferm importanti. Il-lum, sejrin nitkellmu biss dwar wieħed minn dawn il-fdalijiet, u dan hu t-tempju magħruf bħala Ta' Ħaġrat.

Dawn il-fdalijiet jinsabu f'għalqa li naslu għaliha mit-triq il-prinċipali li teħodna lejn il-misraħ tar-raħal. Hekk kif naslu fittarf tal-bini ta' l-iskola induru fuq ix-xellug u naslu quddiem ir-rixtellu li hemm fir-reċint li jdawwar il-fdalijiet. Sfortunatament dawn il-fdalijiet ma jkunux miftuħa regolarment, iżda wara li jsir l-appuntament ma' l-awtoritajiet tad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

### Is-sejba tal-fdalijiet

Biex wieħed jifhem kif instabu dawn il-fdalijiet, ikollna mmorru għall-istess rakkont kif għaddiehulna Sir Temi Zammit, l-arkeologu li fil-bidu ta' dan is-seklu kien verament il-moħħ wara l-iskavi u s-sejbiet l-aktar importanti ta' l-arkeoloġija Maltija. Kien fis-sena 1916 li l-perit Rizzo irrapporta lil Zammit bil-preżenza ta' ħafna ġebel megalitiku fiz-zona magħrufa bħala Ta' Ħaġrat. Skond l-ewwel rapporti s-sidien tal-għalqa rrappurtaw li kien hemm ġebel kbir ħiereġ mill-ħamrija. Iżda minħabba li kienu jtellfu lill-bdiewa biex jaħdmu l-għelieqi, dawn kienu jkissruhom. Fl-istess ħin kien rappurtat ukoll li kien jinġarr ħafna fuħħar misjub fil-ħamrija. Il-fuħħar kien jintuża biex issir it-torba għas-soqfa tal-bini.

Għalkemm dawn il-fdalijiet jidhru li diġà kienu magħrufa fis-sena 1916, Zammit ma setax jibda l-iskavi tagħhom minħabba li kien għaddej xogħol x'imkien ieħor. L-ewwel ċans li kien hemm seħħ fis-sena 1923. Biss, l-iskavi ntemmu fis-sena 1926, meta kien hemm l-għajnuna ta' diversi persuni li għenu fil-kxif ta' dawn il-fdalijiet megalitiċi.

### It-tempji

Il-fdalijiet li nstabu fl-għalqa Ta' Ħaġrat jindikaw żewġ tempji distinti. L-ewwel teoriji kienu li l-iżgħar tempju hu l-eqdem wieħed. Dan il-ħsieb kien influwenzat mill-fatt li l-mod ta' kif hu mibni jindika li hu aktar primittiv mill-ieħor. Minħabba f'hekk l-arkeoloġi ħasbu li t-tieni tempju kien mibni b'sistema aħjar. Iżda, wara li saru l-istudji reċenti, hu maħsub li l-eqdem tempju fil-fatt hu l-kbir, dak li jinsab fuq il-punent tal-fdalijiet. It-tempju ż-żgħir kien inbena wara.

### L-ewwel tempju

Jekk nieqfu nħarsu lejn il-faċċata ta' dan it-tempju naraw kemm kien hemm ħsieb wara l-bini tiegħu. Il-faċċata hi mibnija f'forma nofs tond, u fin-nofs hemm id-dħul uniku. Il-passaġġ hu magħmul minn ġebel kbir fuq iż-żewġ naħat. Il-ġebla li naraw illum tistrieħ fuq iż-żewġ ġebliet weqfin, kienet imtellgħa f'postha wara li kienu saru l-iskavi. Seta' jsir hekk minħabba l-fatt li l-bidwi tal-għalqa kien stqarr li kien hu li kien qaleb il-ġebla 'l isfel.

Oriġinarjament it-tempju kien magħmul minn tliet kmamar, jew inkella absidi kif inhuma magħrufa f'dawn it-tempji. Dawn il-kmamar dejjem jieħdu l-forma tonda u rari niltaqgħu ma' xi ħaġa maħduma fil-kwadru kompletament. Iżda interessanti hu d-dettal tal-kamra li hemm quddiem dawn it-tliet kmamar. Din għandha bħal tarġa li ddur dawra sħiħa mal-kamra.

It-tliet kmamar m'għandhom xejn speċjali. Dan it-tempju m'huwiex bħal xi tempji oħra li nstabu fil-gżejjer Maltin fejn hemm diversi dekorazzjonijiet fuq il-ġebel. Probabbilment dan ma setax ikun minħabba li kienu ddeċidew li jibnu t-tempji bil-ġebla taż-żonqor.

Naturalment, fuq dan it-tip ta' ġebla m'huwiex possibbli li wieħed inaqqax dekorazzjonijiet, jew iżejjen l-istess ġebel b'xi pittura.

Ħaġa differenti fil-kmamar hi l-iċċangar. Filwaqt li waħda hi ċċangjata b'ġebla, l-oħrajn għandhom torba fl-art tagħhom. Minħabba f'hekk, l-arkeologi jistgħu jħaffru l-art, u mill-fuħħar li jinsab ikunu jistgħu jaslu għal xi konklużjonijiet ferm importanti taż-żmien ta' meta jkunu nbnew fdalijiet.

### It-tieni tempju

It-tieni tempju hu ferm iżgħar, u llum nafu li nbena meta l-ewwel tempju kien diġà lest, u għadu qiegħed jintuża. M'hux faċli li wieħed jipprova jagħti spjega għaliex ikollok il-bini ta' żewġ tempji ħdejn xulxin, meta l-ewwel u l-akbar wieħed ikun għadu qiegħed jiffunzjona. Jista' jkun li t-tieni tempju nbena minħabba xi kult partikulari. Hu maħsub li f'dawk iż-żminijiet it-twemmin tan-nies ma kienx ikun ikkonċentrat fuq alla wieħed, iżda fuq diversi allat li jirrappreżentaw diversi bżonnijiet.

It-tieni tempju għandu d-daħla tiegħu minn waħda mill-kmamar talġnub ta' l-ewwel tempju. Minħabba f'hekk din l-istess kamra kienet tilfet kemmxejn mill-aspett oriġinali tagħha. Kif wieħed jidħol fit-tempju jinduna li hawnhekk il-bennejja għamlu użu minn ġebel iżgħar minn dak li kien ġie użat fl-ewwel tempju. Il-kmamar huma iżgħar ukoll. Filwaqt li fuq innaħa tax-xellug hemm kamra waħda, faċċata ta' din il-kamra hemm oħra li hi iżgħar. Dan minħabba l-fatt li l-kamra ċentrali għandha bħal kamra oħra fuq il-lemin, li naturalment ħadet mill-ispazju tal-kamra l-oħra. Jekk wieħed iħares lejn il-pjanta li nsibu mehmuża ma' dan l-artiklu, inkunu nistgħu nifhmu aktar aħjar id-dettalji li qegħdin insemmu.

### Konklużjonijiet

Bħala l-aħħar dettalji nsemmi l-fatt li hawnhekk għandna fdalijiet interessanti u fl-istess ħin importanti. Filwaqt li l-ewwel tempju jmur lura għall-ewwel fażi ta' meta bdew jibnu t-tempji f'Malta, iż-żgħir hu ta' perijodu differenti. Bħala żmien wieħed jista' jgħid li l-ewwel tempju jmur lura għas-snin ta' bejn wieħed u ieħor it-3500 sena qabel Kristu (biex inkunu tajna data tonda) u t-tieni wieħed imur lura għal madwar it-3000 sena qabel Kristu.

**IL-QRONFLA**

*At Il-Qronfla you will be surprised by our unique and spectacular display of silk & dried flower arrangements. You could also choose from our vast assortment of houseplants, cane, ceramic and plastic containers. Fresh flower arrangements and bouquets are always available.*

FRESH HOLLIES Now Available

*For All Your Christmas Shopping!*

We will be open on the 8th, 13th & 14th December.

IL-QRONFLA
253, Main Str., Balzan Tel: 442193/442600
Airport: 248496, 249600 ext. 6076 • The Plaza: 314849
Corinthia Palace: 440301-9 & now also at the Galleria.